MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**GRIXTI GIOVANNI LL.D., LL.M.**

Seduta ta' 18 ta' Ottubru, 2002

Numru. 19/2001
Kawza Numru. 5

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**- vs -**

**Anthony Camilleri**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra Anthony Camilleri, bin John, imwieled u joqghod in-Nadur, Ghawdex, Karta tal-Identita' numru 67357 (G), kif riportata a fol. 1 tal-process bil-mod segwenti:

Talli fis-6 ta' Frar, 2001 ghall-habta tal-5.00 ta' filghaxija fi Triq it-Telegrafu Nadur, Ghawdex, minghajr il-hssieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, tikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna ohra, jew li ggibilha disordni f'mohhha, u cioe ikkagunajt ferita

ta’ natura gravi (ksur fil-polz) fuq il-persuna ta’ Karmenu Cini minn Nadur, Ghawdex, skond kif iccertifika t-tabib Joseph Rapa MD, mill-Ispter Generali ta’ Ghawdex, ai termini tal-Artikoli 214 u 216 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Aktar talli fl-istess hin, data u lok haw fuq imsemmija ksirt volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku bl-ghajjat u bil-glied, ai termini tal-Artikoli 338 (dd) tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti intalbet tapplika l-provvedimenti tal-artikoli 383 u 384 tal-Kap 9 f’kaz ta’ htija;

Rat il-kunsens  tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Rat illi l-imputat ddikjara li ma ghandux oggezzjoni sabiex il-kaz tieghu ikun trattat bl-istess procedura;

Semghet il-provi bil-gurament:

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi fis-6 ta’ Frar, 2001 il-Pulizija kienet infurmata mill-Isptar Generali ta’ Ghawdex illi persuna kienet iddahlet ssofri minn feriti.  Mill-investigazzjonijiet irrizulta illi Carmelo Cini kien silef il-fond nur 25 Triq it-Telegrafija lil neputih, Anthony Camilleri, l-imputat, biex joqghod fih sakemm jirranga l-post tieghu.  Fid-data tal-akkadut, Cini kien ghamel katnazz mal-bieb tal-garage u iehor mal-grada biss f’dan il-kaz il-katnazz hallih mghaluq.  Meta mar ghand Camilleri dan beda jinsultah, tah daqqa ta’ ponn f’ghajnejh fejn waqa’ ma’ l-art u kiser il-polz;

Il-kwerelant xehed illi fuq talba tal-imputat, kien siliflu fond biex joqghod hemm ghal xi tlett xhur izda dan dam aktar minn sena go fih fejn kien ta’ spiss ifakkar lill-mart l-

imputat illi kienu qed idumu wisq biex johorgu minn hemm. Dak inhar kien ukoll kellem lill-mart l-imputat li cemplet lill-zewgha li gie ftit wara, nizel mit-trakk u malli staqsieh ghaliex kisser il-katnazz, l-imputat ta’ daqqa ta’ ponn f’ghajnejn Cini li waqa malart u kiser idejh.

L-imputat ikkonferma illi zijuh, Carmelo Cini kien silfu l-fond in kwistjoni sakemm jirranga l-post tieghu. Wara hames xhur Cini talbu johrog minn hemm izda Camilleri irrifjuta ghax kien ftiehem li jista’ jzommu sakemm jirranga d-dar tieghu. Kienet cemplitlu t-tifla, qaltlu li kien hemm iz-ziju jghajjat fit-triq u kienet imbezzgha hafna, tela d-dar u talab lil-Cini biex jirranga mieghu. L-imputat jghid illi Cini beda jghajjat mieghu u jakkuzah li kien ser jehodlu l-post. L-imputat ma kienx ghadu beda x-xoghol fuq id-dar tieghu ghaliex il-permessi kienu ghadhom mizmuma. Dak il-hin l-imputat qabad u imbotta lill-Cini. Dakinhar stess l-imputat irranga ma’ haddiehor u rrilaxxja l-post lill-Cini

Ikkunsidrat illi minn ezami ta’ dawn id-deposizzjonijiet jirrizulta illi Cini kien dahal fil-fond misluf lill-imputat fuq insistenza ta’ l-imputat stess peress illi l-imputat ma riedx li jsir storbju bhal dan fit-triq. L-imputat stess jghid illi mbotta lil Cini, izda mix-xhieda jirrizulta illi Cini kellu daqqa sew f’ghajnejn il-leminija kif ukoll ksur fil-polz ta’ idu ix-xellugija. Il-provenjenza ta’ dawn il-griehi huma indubjament l-agir tal-imputat li jghid li mbotta lil Cini. B’hekk il-Qorti ftit ghandha x’tista’ tikkunisdra aktar u ghalhekk issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu kwantu ghal-griehi subiti minn Carmelo Cini. Dwar l-ksur tal-bon ordni pubbliku, ma tirrizulta ebda htija stante li dan kollu sehh fil-fond li kien qed jokkupa l-imputat u ma ngiebet ebda prova ohra li turi mod iehor. Ghalhekk tilliberah mit-tieni akkuza;

Wara li rat l-artikoli 214 u 216 tal-Kap 9;

Wara li rat il-fedina penali ta’ l-imputat tqis illi piena karcerarja ma tkunx addattata ghal dan il-kaz u ghalhekk tilliberah bil-kondizzjoni li ma jghamilx rejat iehor sa zmien tlett snin mil-lum ai termini tal-artikolu 9 Kap 152.

Il-Qorti fehmet l-obbligi ta' l-imputat emanenti minn din is-sentenza.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur